Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' April 2024**

**Kump. Nru. 720/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Versus**

**Yaqub Sherrif**
**(9003065A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Yaqub Sherrif**, detentur ta' numru ta' karta tal-identita' 9003065A u Numru tal-Pulizija 19PP-027.

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Novembru 2021 bejn is-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) u t-tlieta neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar (14:40hrs) gewwa 38, Triq l-Iklin, Ghaxaq:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvio Mizzi, hekk kif gie ccertifikat minn Dr A. Chircop med. reg. 4104 u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216(1)(b), 218(1)(a)(b), 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Silvio Mizzi.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-15 t'April 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 214, 216(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Yaqub Sherrif hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih u tikkundannah ghal tnejn u tletin (32) xahar prigunerija effettiva.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Yaqub Sherrif b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **sentejn (2)** millum ghall-**protezzjoni ta' Silvio Mizzi**. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Silvio Mizzi ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **Yaqub Sherrif** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **Silvio Mizzi.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**